



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 25 ta' Novembru 2016
(OR. en)

12502/16

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0298 (NLE)

COLAC 75
CFSP/PESC 752

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Djalogu Politiku u ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' Kuba, min-naħa l-oħra

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/...

ta' ...

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni,
tal-Ftehim ta' Djalogu Politiku u ta' Kooperazzjoni bejn
l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda,
u r-Repubblika ta' Kuba, min-naħa l-oħra**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(1) u l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 207 u 209, flimkien mal-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(6) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(8), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew¹,

¹ ĠU C ...

Billi:

- (1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/...¹⁺, il-Ftehim ta' Djalogu Politiku u ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' Kuba, min-naħa l-oħra ('il-Ftehim') ġie ffirmat fi ...[*id-data tal-iffirmar tal-Ftehim (ST 12504/16)*], soġġett għall-konklużjoni tiegħu f' data aktar tard.
- (2) L-Unjoni u r-Repubblika ta' Kuba huma impenjati li jikkonsolidaw u jsaħħu r-relazzjonijiet tagħhom fl-oqsma tad-djalogu politiku, il-kooperazzjoni u l-kummerċ fuq il-bażi tar-rispett reċiproku, ir-reċiproċità, l-interess komuni u r-rispett għas-sovranità tal-Partijiet.
- (3) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/... ta' ... dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Djalogu Politiku u ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' Kuba, min-naħa l-oħra (ĠU L ...).

⁺ ĠU: daħħal in-numru serjali tad-dokument ST 12501/16 u imla r-referenza fin-nota korrispondenti f'qiegħ il-paġna.

Artikolu 1

Il-Ftehim ta' Djalogu Politiku u ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' Kuba, min-naħa l-oħra, huwa b'dan approvat fisem l-Unjoni¹⁺.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 86(3) tal-Ftehim².

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data wara dik tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

¹ Il-Ftehim ġie ppubblikat fil-ĠU L ..., p. ... flimkien mad-Deċiżjoni dwar l-iffirmar tiegħu.
⁺ ĠU: imla r-referenza tal-ĠU għall-Ftehim (fid-dokument ST 12504/16) fin-nota ta' qiegħ il-paġna.
² Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.